MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 143/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Louise Calleja)**
**Vs**
**Albano Kokavessis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 519370 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-Hamrun jew/u f'xi bnadijiet ohra f'Malta, fit-22 ta' April, 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Ghamel lottu klandestin jew gabar il-flus tal-gugati fuqu, jew b'xi mod ghen jew hajjar f'daqshekk bi ksur ta' l-

Artikolu 12 ta’ l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku 1932 Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli ghamilha ta’ ricevitur ta’ gugati tal-lottu meta ma kienx awtorizzat ghal daqshekk mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi, bi ksur tal-Artikolu 13 ta’ l-Ordinanza dwar Lottu Pubbliku 1932 Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. U aktar talli biegh jew offra ghall-bejgh biljetti tal-Lottu Pubbliku minn postijiet mhux licenzjati ghal dan il-ghan bi ksur tal-Artikolu 14 ta’ l-Ordinanza dwar Lottu Pubbliku 1932, Kapitolu 70 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. U aktar talli organizza xi pools fuq loghob projbit jew gabar gugati dwar hekk, sew bi hlas fil-pront jew bid-dejn, jew ghen jew hajjar biex isiru dawn il-pools b’xi mod u dan bi ksur tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 131 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 22.04.1999, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Marzu, 2012, li biha sabet lil Albano Kokavessis hati taht l-artikolu 16 tal-Kapitolu 131 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll tar-recidiva taht l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dwar il-piena, rat l-artikolu 16(2) tal-Kapitolu 131 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieset ukoll illi l-appellant huwa wiehed recidiv, ghalhekk qieset illi l-piena idonea hija dik ta’ multa fl-ammont ta’ €233 u piena karcerarja ta’ xahar (1).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-22 ta’ Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata tvarja l-istess sentenza in kwantu jikkoncerna l-piena karcerarja ta’ xahar inflitta u minflok tipprovdi ghal piena iktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :
Illi qabel xejn ghandu jigi puntwalizzat li l-Kap 131 tal-Ligijiet ta' Malta gie abbrogat.

Illi pero` fis-sena 2002 dahal fis-sehh il-Kap. 438 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk a tenur tal-artikolu 12 tal-Kap. 249 (l-Att dwar l-interpretazzjoni) ma jfissirx li l-Qorti ma setghatx tapplika l-provvedimenti tal-Kapitolu l-antik tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghandu jinghad li l-esponent ihoss li fic-cirkostanzi l-piena fuqhu imposta kienet eccessiva senjatament fejn huwa gie kkundannat xahar prigunerija.

Illi jinghad li l-Qorti ma kienitx marbuta li timponi piena ta' habs imma setghet tapplika jew multa, jew piena karcerarja jew it-tnejn flimkien.

Illi l-esponent jirrileva li dan il-kaz jirrisali ghal hdax-il sena ilu u ghalhekk dan it-trapass ta' zmien kollu indubjament ghandu jittiehed in konsiderazzjoni. Dan jinghad peress li huwa palezi li sabiex il-piena taghmel sens trid tinghata kemm jista` jkun qarib iz-zmien li fih ikun gie kommess ir-reat.

Illi ta' min jghid li minn dak iz-zmien lil hawn l-esponent ma baqax koinvolt fil-loghob klandestin u li llum huwa pjenament rintegrat fis-socjeta`.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur

Ikkonsidrat

Li dan l-appell huwa limitat għall-piena li imponiet il-Qorti tal-Maġistrati.

Li mill-proċess jirriżulta li l-appellant instab ħati tar-raba' imputazzjoni biss u konsegwentement tar-reċidiva. Il-prova tar-reċidiva tinsab a fol 12 tal-proċess. Din hija sentenza mogħtija fit-22 ta' Jannar 1999 u l-appellant kien immutat Lm100 wara li nstab ħati ta' ksur tal-artikolu 338(ii) u 338(h) tal-Kap 9 u l-artikolu 12(3) tal-Kap 70.

Minn meta beda dan il-każ, daħal fis-seħħ il-Kap 439 waqt li l-Kap 131 kien abrogat.

L-appellant kien ammetta l-akkuża immarkata (d), cioe' li tirrigwarda organizzazzjoni ta' pools.

Il-Qorti tal-Maġistrati hija u tagħti s-sentenza rat l-artikolu 16(2) tal-Kap 131 li kien jipprovdi kif ġej:

'Kull min jorganizza xi pool fuq il-logħob projbit jew jiġbor ġygati dwar hekk sew bi ħlas fil-pront jew bid-dejn, u kull min jgħin jew iħajjar bl-istess mod, ikun jista' meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn ħamsin lira u mhux iżjed minn mitejn lira **u** priġunerija għal minn żmien xahar sa tliet xhur.'

Skont kif kienet din id-dispożizzjoni kemm il-multa kif ukoll il-priġunerija kienu tassattivi.

L-abbli Difensur ssottometta li għadda wisq żmien minn meta sar ir-reat – mis-sena 2001 sas-sena 2012 u għalhekk talab li għandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena.

L-appellant huwa wieħed reċidiv u li l-multa tas-sentenza mogħtija fis-27 t'April, 1999 tħallset fit-30 ta' April, 2012, jiġifieri – wara d-data ta' meta ngħatat is-sentenza ta' llum. La kien reċidiv u allura ma setax jibbenefika minn sentenza sospiża skont l-artikolu 28A tal-Kap 9. Effettivament ma kinux għaddew ħames snin mill-kundanna fis-sentenza tal-1999 meta seħħ l-allegat reat.

Biss il-Qorti qed tinnota t-trapass taż-żmien u li, skont il-fedina penali aġġornata, l-appellant ma reġax instab ħati ta' xi reat simili matul dan iż-żmien kollu. Għalhekk ser

tilqa' l-aggravju **in parte** limitatament għal fejn is-sentenza ikkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtijia fl-ismijiet premessi 'Il-Pulizija versus Albano Kokavessis fil-15 ta' Marzu 2012 billi waqt li qed **tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni (d) u tal-addebitu (e) u fejn kkundannatu jħallas **€233**, liema multa **għandha titħallas minnufih** inkella tinbidel fi żmien ta' priġunerija u qed tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal xahar priġunerija u, f'din il-parti, minflok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Il-Qorti spjegat lill-appellant xi jfisser l-artikolu 22 tal-Kap 446 fi kliem sempliċi. **Hija wissietu li jekk jinstab ħati ta' xi reat matul din is-sena huwa jista' jintbagħat dan ix-xahar priġunerija wkoll b'żieda mal-piena l-ġdida.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------